

Brussell, 15 ta' Ġunju 2026
(OR. en)

10575/26

ECOFIN 820
UEM 265
FIN 885
ECB
EIB

EŻITU TAL-PROCÈDIMENTI

minn: Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill

fi: 15 ta' Ġunju 2026

lil: Delegazzjonijiet

Nru. dok. preç.: 9869/26

Suġġett: Rapport speċjali Nru 06/2026, Nru 14/2026 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri
- Konklużjonijiet tal-Kunsill (15 ta' Ġunju 2026)

Id-delegazzjonijiet isibu fl-anness il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-rapporti speċjali Nru 06/2026 u Nru 14/2026 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri, adottati mill-Kunsill fl-4182 laqgħa tiegħu li saret fil-15 ta' Ġunju 2026.

**KONKLUŻJONIJIET TAL-KUNSILL DWAR IR-RAPPORTI SPEĊJALI NRU 06/2026
TAL-QORTI EWROPEA TAL-AWDITURI "L-INDIRIZZAR TAL-FRODI FL-RRF –
XOGĦOL FL-IDEJN" U NRU 14/2026 "IT-TRAĊĊABBILTÀ U T-TRASPARENZA TAL-
RRF – GĦAD HEMM LAKUNI FIR-RIGWARD TAT-TRAĊĊABBILTÀ U T-
TRASPARENZA TAL-FONDI TAL-RRF"**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

1. JILQA' l-pubblikazzjoni tar-Rapporti Speċjali Nru 06/2026 u Nru 14/2026 mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri (minn hawn 'il quddiem imsejħa "il-Qorti"), IFAKKAR li t-Trattati jagħtu lill-Qorti l-kompitu li teżamina l-kontijiet tad-dħul u n-nefqa kollha tal-Unjoni, u JENFASIZZA r-rwol tal-Qorti fil-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni.
2. JINNOTA li l-awditu tal-Qorti kopra l-perjodu mill-bidu tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza (minn hawn 'il quddiem imsejħa "RRF") fi Frar 2021 sal-aħħar ta' Diċembru 2024 għall-Istati Membri, u mill-bidu tal-RRF sa Lulju 2025 għall-Kummissjoni Ewropea fir-Rapport Speċjali Nru 06/2026. JINNOTA li l-awditu tal-Qorti eżamina s-sistemi tal-RRF kontra l-frodi, kemm fil-livell tal-Kummissjoni kif ukoll f'dak tal-Istati Membri.
3. JINNOTA li l-awditu tal-Qorti kopra l-perjodu mill-bidu tal-RRF fi Frar 2021 sa nofs l-2025 fir-rapport speċjali Nru 14/2026. JINNOTA li l-awditu tal-Qorti vvaluta jekk il-Kummissjoni u l-Istati Membri żgurawx traċċabbiltà u trasparenza suffiċjenti tal-fondi tal-RRF.
4. JIRRIKONOXXI t-tweġibiet tal-Kummissjoni għas-sejbiet u r-rakkomandazzjonijiet tal-Qorti, għaż-żewġ rapporti speċjali.
5. JAPPOĠĠA l-impenn sħiħ tal-Kummissjoni fil-ġlieda kontra l-frodi u jissottolinja l-kooperazzjoni mill-qrib tagħha mal-Istati Membri, l-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi u l-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew (kif iddikjarat fir-Rapport Speċjali Nru 06/2026).

6. JIEĦU NOTA tas-sejbiet u r-rakkomandazzjonijiet tal-Qorti fir-rapporti speċjali msemmija hawn fuq u JISTIEDEN lill-Kummissjoni tkompli tiegħu tagħlimiet mill-implimentazzjoni tan-natura tal-RRF ibbażata fuq il-prestazzjoni. IQIS li l-konklużjonijiet u r-rakkomandazzjonijiet tal-Qorti joffru għarfien intuwittiv utli għat-tfassil ta' strumenti potenzjali futuri. HUWA TAL-OPINJONI, madankollu, li s-sejbiet u r-rakkomandazzjonijiet m'għandhomx jippreġudikaw id-diskussjonijiet dwar il-Qafas Finanzjarju Pluriennali li jmiss, jew il-proposti settorjali tiegħu.
-